32004D0539

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-1 ta' Lulju 2004

tistabbilixxi miżura transitorja għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 fuq ir-rekwiżiti dwar saħħet l-annimali applikabbli għall-ispostament mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi

(innotifikata fid-dokument bin-numru K(2004) 2365)

(Test b'rilevanza għall-ŻEE)

(2004/539/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Konformi mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Konformi mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 fuq ir-rekwiżiti dwar saħħet l-annimali applikabbli għall-ispostament mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE [1], u b'mod partikulari l-Artikolu 21 ta' dan,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 li jistabbilixxi kundizzjonijiet veterinarji applikabbli għall-ispostamenti mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi, għandu jidħol fis-seħħ mit-3 ta' Lulju 2004.

(2) Minkejja l-miżuri li ġew adottati biex jiffaċilitaw it-transizzjoni mill-kundizzjonijiet eżistenti għal dawk stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 998/2003, l-implimentazzjoni tiegħu tesiġi b'mod partikolari d-disponibbiltà tad-dokument tal-passaport fl-uffiċċji veterinarji kollha, il-ħruġ ta' mudelli ġodda ta' ċertifikati ta' l-importazzjoni għal dħul minn terzi pajjiżi, u eżaminazzjoni wara t-tilqim għal annimali minn terzi pajjiżi mhux imniżżla f'Parti Ċ ta' Anness II għar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

(3) Jidher li minkejja l-isforzi ta' l-Istati Membri għad hemm xi inċertezzi rigward dawk il-kundizzjonijiet, b'mod partikolari meta jitqies in-numru konsiderevoli ta' nies li ser jivvjaġġaw flimkien ma' l-annimal domestiku tagħhom f'dan il-perjodu tas-sena għall-btajjel tas-sajf. B'konsegwenza ta' dan, meta ta' kull sena jkun hemm l-akbar rata ta' spostamenti ta' annimali domestiċi dan jista' jirriżulta f'numru kbir ta' diffikultajiet amministrattivi.

(4) Għalhekk ikun jaqbel li tinżamm kif meħtieġ l-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet nazzjonali li huma fis-seħħ bħalissa għal perjodu ta' żmien suffiċjenti. B'konsegwenza ta' dan, matul dan il-perjodu l-ispostamenti ser ikunu permessi f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 998/2003 jew mar-regoli nazzjonali li kienu fis-seħħ qabel it-3 ta' Lulju 2004. Per konsegwenza, id-deroga mid-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2003/803/KE [2] u 2004/203/KE [3], li għalihom hemm provvedimenti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/301/KE, f'dak li għandu x'jaqsam mal-format għal ċertifikati u passaporti biex jintużaw għall-ispostament mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa għandha tiġi posposta.

[1] OJ L 146, tat-13.6.2003, p. 1. Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 592/2004 (OJ L 94, tal-31.3.2004, p. 7).

[2] OJ L 312, tas-27.11.2003, p. 1.

[3] OJ L 65, tat-3.3.2004, p. 13. Deċiżjoni kif emendata mid-Deċiżjoni 2004/301/KE (OJ L 98, tat-2.4.2004, p. 55).

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Mingħajr preġudizzju għat-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003, l-Istati Membri għandhom jawtorizzaw id-dħul fit-territorju tagħhom sa l-1 ta' Ottubru 2004 ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi mniżżlin f'Anness I għal dak ir-Regolament f'konformità mar-regoli nazzjonali li kienu fis-seħħ qabel it-3 ta' Lulju 2004.

Artikolu 2

F'Artikolu 1, l-ewwel paragrafu, punt (a), tad-Deċiżjoni 2004/301/KE, id-data '3 ta' Lulju 2004' hija sostitwita bid-data '1 ta' Ottubru 2004'.

Artikolu 3

Din id-deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, fl-1 ta' Lulju 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummisssjoni